MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2056/2003

**Dr Patrick J Galea bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Luc Thierens N.V.**

**Vs**

**Sea Malta Company Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin) rapprezentanti danni ikkawzati fuq trailer propjeta` tas-socjeta` attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal:-
1. Illi s-socjeta` attrici hija propjetarja u/jew operatrici ta' trailer li jgib in-numru UHF075;
2. Illi l-imsemmi trailer gie danneggjat konsidervolment waqt li kien qieghed jigi offloaded minn fuq l-mv Zebbug li telaq minn Malta fis-17 ta' Settembru 1997 u wasal

Reggio Calabria fit-18 ta’ Settembru ta’ l-istess sena, kif jirrizulta mill-anness rapport (Dok A) u l-isketch tal-hsara fuq formola tas-socjeta` attrici (Dok B);
3. Illi s-socjeta` konvenuta giet inutilment interpellata permezz ta’ zewg ittri ufficjali fit-3 ta’ Mejju 1999, zewg ittri ufficjali fid-9 ta’ Frar 2000, zewg ittri ufficjali fit-22 ta’ Jannar 2001 u zewg ittri ufficjali fis-26 ta’ Frar 2002 sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni kkagunati fuq it-trailer, tad-danni minhabba t-telf ta’ xoghol kif ukoll ghall-ispejjez ta’ l-espert, li gie stmat ghall-ekwivalenti ta’ tlieta u sebghin elf Frank Belgjana (BEF 73,000);
4. Illi l-quantum tad-danni irid jigi likwidat izda jammonta ghal inqas minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi sindakata minn dan it-Tribunal;
5. Illli s-socjeta` attrici qieghda titlob ghalhekk li jigi likwidat l-imsemmi dannu u li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata li thallas l-ammont likwidat kif ukoll l-interessi mit-18 ta’ Settembru 1997, bl-ispejjez tat-tmien ittri ufficjali indikati fuq;

Is-socjeta` konvneuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi l-kumpanija konvenuta ma tahtix ghall-incident de quo u kwindi ma hijiex responsabbli ghad-danni;

Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kull eccezzjoni ulterjuri permessibli fil-Ligi.

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra:
Illi jigi ritenut li d-dokumentazzjoni prezentata mill-attur hija redotta bil-lingwa Belgjana. Ma gietx prodotta l-ebda tradizzjoni konfermata bil-gurament mit-traduttur stess kif rikjesti mill-ligi.

Illi s-socjeta konvenuta ma pproduciet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha. Dana multo magis in vista tal-iskarsezza tal-provi prodotti mill-attur.

Illi l-massima legali tistipula li l-oneru tal-prova jirrikorri fuq min jallega, mhux fuq min jinnega.

Illi huwa lampanti dan in-nuqqas tal-attur. Fin-nuqqas ta' provi biex jissuffraga l-pretenzjonijiet tieghu, l-attur ma jistax jinghad li dan l-obbligu gie minnu ezawrit.

Jiddeciedi billi jilqa l-eccezjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------